# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 1776

**Kaz Numru 2361DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Paul Portelli**

**u**

**Enemalta Corporation**

Illum it-Tlieta 3 ta' April 2007

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta*

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fid-19 ta' April 2006.

**2. Rapprezentanza**

Paul Portelli li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien assistit mill-Avukat Peter Fenech.

Il-kumpanija Enemalta Corporation, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata kienet irrapprezentata minn Antoine Busuttil li kien assistit mill-Avukat Andrew Borg-Cardona.

**3. Fatti tal-kaz fil-qosor**

Nhar is-7 ta' Marzu 2006 ir-rikorrent, li kien impjegat bhala *Senior Technical Officer* mal-kumpanija intimata, kien akkuzat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'reat kriminali. Ir-rikorrent ammetta l-akkuza kontrih. L-ghada li nghatat is-sentenza l-kumpanija intimata gharrfitu bil-miktub li kien qieghed jigi sospiz mix-xoghol minghajr hlas minhabba li nstab hati ta' akkuza kriminali, u dan sakemm il-Bord tad-Diretturi jikkonsidra l-kaz. Minkejja taghrif miktub mill-Avukat ta' fiducja lill-Bord tad-Diretturi li r-rikorrent kien qieghed jistenna li l-kaz tiegu jinstema' quddiem Bord ta' Dixxiplina biex jispjega c-cirkustanzi

tal-kaz tieghu, u li hu kien ser jassistih jaghmel dan, nhar l-14 ta' Marzu 2006 il-kumpanija intimata gharrfitu bil-miktub li kienet iddecidiet li ttemmlu l-impjieg.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Ir-rikorrent ghazel li jaghlaq il-provi tieghu minghajr ma jixhed minhabba li sab impjieg barra l-pajjiz u ma setax jigi lura Malta biex jixhed

4.2 Alfred Debono xehed ghar-rikorrent

4.3 Antoine Busuttil u Brian Micallef xehdu ghall-kumpanija intimata

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet

5.1.1 l-istqarrija tal-kaz
5.1.2 kopja ta' sentenza datata 07.03.06 immarkata Dok. ABC1 moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

5.2 Ir-rikorrent esebixxa

5.2.1 l-istqarrija tal-kaz.
5.2.2 ittra datata 08.03.06 li hu rcieva minghand il-Korporazzjoni Enemalta. Din kienet tinkludi avviz ta' sospensjoni mill-impjieg immarkata Dok.PP1
5.2.3 ittra datata 13.03.06 mibghuta mill-Avukat Peter Fenech lill-Korporazzjoni Enemalta. Din kienet tinkludi avviz dwar rapprezentanza fil-process dixxiplinarju mmarkata Dok. PP2
5.2.4 ittra datata 14.03.06 li hu rcieva minghand il-Korporazzjoni Enemalta. Din kienet tinkludi avviz ta' temma ta' l-impjieg immarkata Dok.PP3
5.2.5 kopja ta' Pagna 58 tal-ftehim kollettiv rilevanti mmarkata PP4
5.2.6 ittra datata 20.03.06 mibghuta mill-Avukat Peter Fenech lill-Korporazzjoni Enemalta. Din kienet tinkludi talba ghall-kunsiderazzjoni mill-gdid tad-decizjoni tat-temma ta' l-impjieg immarkata PP5
5.2.7 ittra datata 27.03.06 minghand il-Korporazzjoni Enemalta immarkata PP6. Din kienet twegiba ghal 5.2.6

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 Antoine Busuttil, li hu impjegat fil-kariga ta' *Principal* fid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani u Relazzjonijiet Industrijali tal-kumpanija intimata stqarr li r-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' *Senior Technical Officer* u kien assenjat f'wiehed mid-Distretti madwar Malta. Antoine Busuttil qal li xoghol ir-rikorrent kien li johrog idur mad-distrett bil-karozza tal-kumpanija intimata biex jissorvelja d-diversi xogholijiet assenjati lit-taqsima tieghu. Hu ried jghid li nhar it-08.03.06 qara fil-gazzetti li Paul Portelli nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' akkuza kriminali, liema offiza saret waqt il-hin normali tax-xoghol u fil-waqt li kien fil-pussess tal-karozza tal-kumpanija intimata. Antoine Busuttil ha hsieb qata' l-estratti rilevanti u baghathom lill-Kap Ezekuttiv ghall-attenzjoni tal-Bord tad-Diretturi skond kif proceduralment hu rikjest b'konformita' mal-ftehim kollettiv. Dan kollu ghamlu qabel ma kellu kopja tas-sentenza tal-Qorti. Antoine Busuttil ikkonferma li hu ma kienx jaf dwar x'hiex Paul Portelli kien instab hati, x'kienu c-cirkustanzi rigwardanti l-offiza, jekk is-sentenza kinitx appellata u jekk kienx skada t-terminu ta' l-appell. Antoine Busuttil temm jghid li hu ma ghamel ebda verifika biex jikkonferma jekk il-hati Paul Portelli li ssemma fil-gazzetti kienx ir-rikorrent.

6.2 Alfred Debono, impjegat fil-kariga ta' *Operations Manager* mal-kumpanija intimata u li wkoll kien jaqdi l-funzjoni ta' Direttur haddiem, stqarr li hu jaf lir-rikorrent fuq il-lant tax-xoghol bhala impjegat li dejjem ghamel xoghlu tajjeb hafna. Alfred Debono zied jghid li bhala Direttur haddiem hu kien prezenti ghall-laqgha tal-Bord tad-Diretturi meta l-kaz tar-rikorrent kien diskuss u ttiehdet id-decizjoni biex jintemmlu l-impjieg. Alfred Debono stqarr li ma kienx jaf li r-rikorrent talab biex jidher quddiem il-Bord tad-Diretturi, izda kkonferma li r-rikorrent qatt ma kien mistieden jattedni laqgha tal-Bord tad-Diretturi li fiha kien prezenti hu. Alfred Debono kkonferma li fl-imghoddi kien hemm proceduri fil-Qorti Kriminali fil-konfront ta' Saviour Zammit impjegat tal-kumpanija intimata, izda ma kien jaf xejn dwar id-dettalji tal-kaz u jekk Saviour Zammit kienx instab hati ta' l-akkuza kontrih. Alfred Debono temm jghid li Saviour Zammit kompla fl-impjieg sakemm irtira.

6.3 Brian Micallef impjegat fil-kariga ta' *District Manager* mal-kumpanija intimata ghal dawn l-ahhar erba' snin, stqarr li hu kien responsabbli ghar-rikorrent u li fil-jum ta' l-incident li dwaru kien akkuzat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ir-rikorrent kien attenda ghax-xoghol. Meta matul il-jum ir-rikorrent gharrfu li kellu bzonn jillarga biex jattendi ghal intervista, hu tah permess jitlaq bil-karozza tal-kumpanija minn fuq il-lant tax-xoghol.

Brian Micallef ikkonferma li r-rikorrent kien jaghmel xoghlu tajjeb hafna u li l-ftit ilmenti li kien jircievi kien it-tgergir tas-soltu dwar dewmien li mhux bil-fors kien ikun htija tar-rikorrent. Brian Micallef temm ix-xhieda tieghu billi kkonferma li r-rikorrent kellu karozza tal-kumpanija assenjata f'ismu u li din kienet tintuza kemm ghax-xoghol kif ukoll ghal bzonnijiet personali tieghu.

**7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet**

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Andrew Borg-Cardona f'isem il-kumpanija intimata

7.1.1 stqarr li

- il-process gudizzjarju ssodisfa l-pretensjoni tar-rikorrent ghal smigh xieraq
- galadarba r-reat sar waqt il-hin tax-xoghol u fil-karozza tal-kumpanja jezisti rabta bejn ir-reat u l-impjieg, liema atti kkawzaw pregudizzju fatali ghat-tkomplija ta' l-impjieg
- l-azzjoni tal-kumpanija intimata qabel u wara l-process gudizzjarju kienet konformi mall-provvedimenti rilevanti tal-ftehim kollettv
- id-decizjoni ghat-temma ta' l-impjieg kienet b'ezitu ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li stabbiliet il-htija tar-rikorrent
- fil-kaz odjern il-kompitu tat-Tribunal Industrijali hu li jiddeciedi jekk, bit-taghrif li kellha l-kumpanija intimata ghad-dispozizzjoni taghha wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghamlitx decizjoni ragjonevoli

7.1.2 minn dak kollu li nghad jirrizulta li tezisti raguni tajba u bizzejjed ghat-temma ta' l-impjieg

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Peter Fenech f'isem ir-rikorrent

7.2.1 stqarr li

- kif jirrizulta mill-provi r-rikorrent kellu rekord mill-ahjar rigwardanti x-xoghol u l-imgiba
- ir-rikorrent talab u nghata permess biex jillarga minn fuq il-lant tax-xoghol u ghaldaqstant ir-

reat in kwistjoni ma sarx waqt il-hin tax-xoghol kif allegat il-kumpanija intimata

- l-asserzjoni tal-kumpanija intimata li r-reat sar fil-karozza tal-kumpanija ma kinitx ippruvata, hi zbaljata u turi kemm il-kumpanija intimata ma kellhiex taghrif bizzejjed dwar il-kaz qabel ma ppronunzjat ruhha dwar id-decizjoni ghat-temma ta' l-impjieg
- fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kkwotat l-artiklu rilevanti fl-intier tieghu, izda ma tat ebda dettalji specifici tar-reat
- fl-istess kodici kkwotati fis-sentenza tal-Qorti hemm skala ta' reati li jgorru firxa wiesgha ta' penali
- anki jekk hu minnu li l-agir tal-kumpanija intimata hu konformi mal-provvedimenti tal-ftehim kollettiv, li mhuwiex, il-ftehim kollettiv ma jissuperax il-ligi
- minhabba li l-kumpanija intimata ma stennietx l-iskadenza tat-terminu ta' l-appell u ma tatx widen ghat-talba tar-rikorrent biex jinghata l-opportunita jispjega lill-Bord tad-Diretturi c-cirkustanzi kollha rigwardanti r-reat, hi marret kontra l-provvedimenti tal-ftehim kollettiv
- f'kaz precedenti ta' natura kriminali l-kumpanija intimata agixxiet mod iehor, tant li l-istess persuna kompla fl-impjieg sa kemm irtira bl-eta'
- kuntrarju ghall-intimazzjoni tal-parti l-ohra li l-fatt li r-rikorrent naqas li jixhed quddiem it-Tribunal Industrijali timplika nuqas, Paul Portelli ma xehdx sempliciment ghaliex jinsab imsiefer fuq xoghol u kien hemm il-possibilita' li jekk jigi Malta seta' jippregudika l-impjieg.

7.2.2 minn dak kollu li nghad jirrizulta li ma tezistix raguni tajba u bizzejjed ghat-temma ta' l-impjieg u ghaldaqstant ir-rikorrent ghandu jerga jiddahhal fl-impjieg

## 8 Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Galadarba jezisti ftehim kollettiv bejn il-kumpanija intimata u l-Union maghrufa, li jinkludi procedura miftiehma dwar l-amministrazzjoni ta' kazi ta' dixxiplina, il-process li wassal ghad-decizjoni tat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent trid tkun

konformi mal-procedura miftiehma. Il-kompitu tat-Tribunal Industrijali f'kaz tali hu li jezamina l-process u jiddeciedi, fost affarijiet ohra, jekk il-kumpanija intimata osservatx l-obbligi kollha taghha skond il-ftehim biex tistabbilixxi l-htija u tiddeciedi dwar il-penali.

8.2 F'dan il-kaz l-akkuza saret mill-Pulizija u l-ammissjoni ta' l-istess akkuza saret mir-rikorrent fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Il-Qorti tat sentenza nhar is-7 ta' Marzu 2006 u r-rikorrent ma appellax il-piena. M'hemm xejn izjed minn dan x'jinghad dwar il-htija. Il-kunsiderazzjoni li fadal tinghata hi kif il-kumpanija intimata amministrat il-kaz minn wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Din il-kunsiderazzjoni jenhtieg lit ezamina l-obbligi tal-kumpanija intimata rigwardanti l-process li wassal ghal piena tat-temma ta' l-impjieg.

8.3 Fix-xhieda tieghu Brian Micallef stqarr li fuq talba tar-rikorrent biex jattendi ghal intervista, hu kien tah permess biex jillarga minn fuq il-lant tax-xoghol bil-karozza tal-kumpanija intimata. Kien waqt din l-assenza mill-post tax-xoghol li sehh l-incident li dwaru r-rikorrent ammetta l-htija fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Minn dan jirrizulta minghajr dubju li skond il-ftehim kollettiv il-kaz irid ikun regolat skond il-provvedimenti, fl-intier taghhom, ta' l-artikli 6.2, 6.3 u 6.4 ta' l-istess ftehim. L-artiklu 6.2 jghid car li *"No disciplinary proceedings against such employees upon any grounds involved in the criminal proceedings shall be taken until the conclusion of the criminal proceedings and the determination of any appeal therefrom".*

8.4 Jirrizulta mill-provi li

- s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ggib id-data tas-7 ta' Marzu 2006 u z-zmien ghal appell mis-sentenza tali kien jiskadi fit-28 ta' Marzu 2006. Ghalkemm ir-rikorrent ma appellax mis-sentenza tal-Qorti, minhabba li d-decizjoni tat-temma ta' l-impjieg ittiehdet qabel ma skada t-terminu ta' l-appell, din id-decizjoni kienet prematura.

- d-decizjoni li jinzamm il-hlas tas-salarju mit-8 ta' Marzu 2006 sad-decizjoni tat-temma ta' l-impjieg kienet korretta skond il-provvedimenti ta' l-artiklu 6.3 tal-ftehim kollettiv.

- s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghalkemm issemmi l-ammissjoni ta' l-akkuza mir-rikorrent u tikkwota l-artiklu rilevanti tal-ligi ma ssemmix dettalji tar-reat specifiku tar-rikorrent. F'kaz tali fejn ir-rikorrent ammetta l-htija, il-kompitu tal-Bord tad-Diretturi kien limitat li jiddeciedi l-portata tal-penali u kif rikjest f'artiklu 6.4 il-kumpanija intimata kellha l-obbligu li tikkonsidra l-penali skond ic-cirkustanzi tal-kaz. Permezz ta' ittra datata 13 ta' Marzu 2006 (ara Dok. PP2) l-Avukat ta' fiducja f'isem ir-rikorrent gharraf lill-kumpanija intimata li kien qieghed jifhem li kien ser ikun hemm proceduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent u li hu kien ser jassistih waqt dawn il-proceduri. Il-kumpanija intimata ddecidiet li ttemm l-impjieg tar-rikorrent minghajr ma semghet lir-rikorrent jispjega c-cirkustanzi tal-kaz. Dan kollu juri li l-kumpanija intimata applikat b'mod mekkaniku l-provvedimenti ta' l-artiklu 6.4 tal-ftehim kollettiv. It-Tribunal Industrijali jifhem li l-applikazzjoni ta' dan l-artiklu tenhtieg li ssir b'sensitivita' shiha ghall-principju ta' smigh xieraq. F'dan il-kaz il-kunsiderazzjoni kontemplata fl-artiklu 6.4 ma setatx tinghata.

8.5 It-Tribunal Industrijali jrid jaghmilha cara li b'dak li inghad hawn fuq m'ghandux remotament jkun interpretat li jfisser li l-htija ammessa mir-rikorrent m'ghandiex tkun sanzjonata mill-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija intimata. Lanqas ma jfisser li l-piena gusta ghar-reat ma tistax tkun it-temma ta' l-impjieg. B'dak li inghad hawn fuq it-Tribunal Industrijali jrid ifisser li l-ezistenza ta' artiklu 6.4 tal-ftehim kollettiv tezigi mill-Bord tad-Diretturi li jinvestiga c-cirkustanzi kollha fid-dettal tar-reat u skond ma jirrizulta jiddeciedi dwar il-penali. Fil-fehma tat-Tribunal Industrijali ir-rifjut tal-Bord tad-Diretturi li jisma' x'ghandu x'jghid ir-rikorrent qabel ma ttiehdet id-decizjoni tat-temma ta' l-impjieg, jmur kontra l-provvedimenti ta' dan l-artiklu

## 9 Decizjoni

9.1 It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jiddeciedi li

- galadarba r-rikorrent ammetta l-htija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), id-decizjoni tal-kumpanija intimata li tinvoka l-provvedimenti ta' l-artiklu 6.4 tal-ftehim kollettiv biex tmexxi l-process intern, ghalkemm prematura ghaliex ma stennietx l-ezitu ta' l-appell kienet korretta. Izda l-kumpanija

intimata, bhat-Tribunal Industrijali, ma kellhiex taghrif bizzejjed ghad-dispozizzjoni taghha biex tikkunsidra jekk il-htija kinitx tiggustifika l-piena tat-temma ta' l-impjieg. Fil-kaz tal-Bord tad-Diretturi dan in-nuqqas ta' taghrif, ezista ghaliex il-Bord naqas li jisma' x'ghandu xi jghid ir-rikorrent u fil-kaz tat-Tribunal Industrijali ghaliex ir-rikorrent ma setax jixhed quddiemu.

- Fid-dawl ta' dak li nghad aktar qabel ir-rikorrent ghandu jitqieghed fl-istat *ante quo* id-decizjoni tal-kumpanija intimata li nghatat nhar l-14 ta' Marzu 2006, b'effett retroattiv ghad-data tat-8 ta' Marzu 2006.
- l-Bord tad-Diretturi ghandu jaghti lir-rikorrent l-opportunita li jaghti d-dettalji kollha mehtiega, kif hu rikjest li jaghmel bl-istess provvedimenti ta' l-artiklu 6.4, biex jghinu jiddeciedi jekk ghandux isostni l-piena tat-temma ta' l-impjieg jew xi piena ohra li jidhirlu li hi xierqa. Minhabba li r-rikorrent jinsab imsiefer fuq xoghol u x'aktarx jirrikjedi tul ta' zmien biex javza lil min ihaddmu biex jinghata permess jigi Malta, it-Tribunal Industrijali jordna li l-laqgha mal-Bord tad-Diretturi ghal dan l-iskop ghandha ssir mhux aktar tard minn xahrejn mid-data ta' din id-decizjoni
- fil-kaz li l-Bord tad-Diretturi jiddeciedi li xorta wahda hemm raguni bizzejjed ghat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent, id-data li fiha jikkomunika d-decizjoni ahharija tieghu tkun id-data li minnha jibda jghodd terminu gdid ta' erba' xhur biex ir-rikorrent jekk jiddeciedi hekk jirreferi l-kaz lit-Tribunal Industrijali.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40).

______________________

**(ft) Anthony DeGiovanni**
**Chairman**

VERA KOPJA

______________________

**Monica Seychell**
**A/Segretarja**